**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 1914/2020/1VG**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 1320/08 maħruġ fid-9 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet:**

**Simon Scerri u Josephine Scerri**

**Vs**

**Johan Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Johan Grech fit-23 ta' Diċembru 2020 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti toħroġ l-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08 maħruġ fid-9 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet "Simon Scerri et v. Johan Grech" stante li l-ammont pretiż mis-sekwestranti ġie depożitat permezz ta' Cedola ta' Depożitu ppreżentata kontestwalment mar-Rikors;

Rat ic-Cedola ta' Depożitu bin-Numru 2925/2020 annessa mar-Rikors a fol. 3 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 24 ta' Diċembru 2020 ġiet ordnata n-notifika tar-Rikors lis-sekwestranti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-Risposta;

Rat ir-Risposta ta' Simon u Josephine Scerri permezz ta' liema jopponu għat-talba tar-Rikorrent stante li *permezz ta' Ċedola Numru 2925/2020 Johan Grech issa iddepożita l-ammont ta' €2,952.77 li preżumibilment huma intiżi li jkopru l-€2,622.87 sorte, u l-ispejjeż kemm ta' l-Ittra Uffiċjali kif ukoll tal-Mandat 1914/20 innifsu. Illi għalhekk jibqa' li għandhom jitħallsu interessi ta' kważi 13-il sena lli digà qabżu s-sorte, u gialadarba issa hemm titlou eżekuttiv ma tapplikax ir-regola ta' l-ultra duplum*;

Rat li b'Digriet ulterjuri datat 18 ta' Jannar 2021 ir-Rikors in eżami ġie appuntat għas-smigħ, ossia għall-provi kollha u trattazzjoni, għal nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2021 fl-12:00p.m.;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 il-partijiet kontendenti ddikjaraw li ma għandhomx provi dwar fatti x'jressqu stante li l-kwistjoni mertu ta' din il-vertenza hija waħda purament legali;

Rat l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1075/08 fl-ismijiet "Simon Scerri et v. Johan Grech" datata 7 ta' Marzu 2008, li ġew annessi ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1320/08 fl-ismijiet "Simon Scerri et v. Johan Grech";

Semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti proċesswali jirriżulta li permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1075/08, l-Intimati interpellaw lir-Rikorrent sabiex *fi żmien tletin ġurnata mil-llum, iħallas is-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u għoxrin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€2,622.87) ekwivalenti għal elf mija u sitta u għoxrin Lira Maltija (Lm1,126), rappreżentanti arretrati ta' kera tal-fond 2, Triq id-Drama, Qormi, u kera dovuta in konnessjoni ma' pre-avviż ta' żgumbrament li ma ngħatax (125 ġurnata bir-rata ta' Lm8), kont mhux imħallas ta' l-elettriku u ilma (Lm10), valur ta' danni magħmula fil-post neċessitanti tikħil u żebgħa ta' ħajt (Lm35), spejjeż ta' aluminju ordnati fil-post u mhux imħallsa (Lm10) u spejjeż in konnessjoni ma' applikazzjoni għal permess ta' uffiċċju mitlub mill-intimat (Lm71).*

Ir-Rikorrent, intimat għall-finijiet ta' dik l-Ittra Uffiċjali, kien ġie notifikat bl-imsemmija Ittra Uffiċjali fis-27 ta' Marzu 2008 u ma jirriżultax li huwa kien ikkontestaha entro t-terminu ta' tletin jum prefiss mill-Liġi. Fis-7 ta' Mejju 2008 l-Intimati talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent bin-Numru 1320/08, liema Mandat kien appuntu ibbażat fuq l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1075/08.

Ai termini ta' l-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta *meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).* L-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar ir-reġistrazzjoni ta' Titoli Eżekuttivi miksuba skond l-Artikolu 166A, jipprovdi li: *(1) Ittra uffiċjali maħruġa skond l-Artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu eżekuttiv sakemm ma tkunx ġiet reġistrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' dawk l-ittri uffiċjali bħala titoli eżekuttivi; (2) L-applikant għar-reġistrazzjoni ta' ittra uffiċjali li tkun tikkwalifika bħala titolu eżekuttiv għandu jippreżenta lir-*

*Reġistratur tal-Qorti kopja legali ta' l-ittra uffiċjali, inkluża l-prova tan-notifika u kopja ta' kull risposta li tkun ġiet riċevuta għaliha jekk ikun hemm; (3) Meta jirċievi d-dokumenti msemmija fis-subartikolu (2) ir-Reġistratur għandu jeżamina d-dokumenti ppreżentati, jivverifika jekk id-debitur ippreżentax nota ta' tweġiba fiż-żmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' l-ittra uffiċjali bħala titolu eżekuttiv jkunu jissussistu, huwa għandu jipproċedi biex jirreġistra d-dokumenti ppreżentati f'reġistru li jissejjaħ ir-Reġistru ta' Ittri Uffiċjali bħala Titoli Eżekuttivi li għandu jinżamm mir-Reġistratur għall-iskopijiet tal-Artikolu 166A.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li għalkemm Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tiġix kontestata *in toto* jew in parte mill-intimat, dik l-istess Ittra ma tikkostitwixxix titolu eżekuttiv b'mod awtomatiku iżda hemm proċedura *ad hoc* li trid tiġi segwita mill-mittenti biex l-istess Ittra, in segwitu għad-debita verifika da parte tar-Reġistratur, tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Kemm-il darba mill-verifika ta' l-Ittra Uffiċjali jirriżultaw l-elementi kollha meħtieġa biex l-istess Ittra tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, bħala stat ta' fatt ir-Reġistratur jittimbra l-istess Ittra Uffiċjali fejn jindika b'mod ċar li dik l-Ittra Uffiċjali tkun qed tiġi reża eżekuttiva u data meta tkun hekk qed tiġi reża eżekuttiva. Tali timbru huwa l-prova u l-konferma li l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun fil-fatt ġiet segwita mill-mittenti ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni sabiex l-istess tiġi reża titolu eżekuttiv. Per konsegwenza l-assenza ta' tali timbru fuq l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, indiskutibilment tfisser illi l-mittenti ta' l-Ittra Uffiċjali ma jkunx segwa il-proċedura stipulata fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk dik l-Ittra Uffiċjali ma tkunx tista' titqies bħala titolu eżekuttiv.

L-Artikolu 252 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-Liġi dwar il-mandati in factum, l-eżekuzzjoni b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 273 tista' ssir* ***biss bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv***. Il-Mandat ta' Sekwestru huwa wieħed mill-Mandati Eżekuttivi msemmija fl-Artikolu 273 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament taħt is-subparagrafu (e), li jista' jinħareġ biss bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv. In effetti l-Artikolu 372 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv jipprovdi li ***meta kreditur bis-saħħa ta' sentenza jew titolu eżekuttiv ieħor sabiex jitħallas tal-kreditu tiegħu ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, jista' jagħmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru***[1].

Minn eżami akkurat ta' l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1075/08 - l-Ittra Uffiċjali oriġinali u mhux sempliċement il-kopja annessa mal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08 - minn imkien ma jirriżulta li l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta biex dik l-Ittra tiġi reża eżekuttiva ġiet segwita mill-Intimati. Minn dan isegwi għalhekk li l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08 ottenut mill-Intimati fil-konfront tar-Rikorrent bħala fatt ma ġiex hekk ottenut bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv kif meħtieġ u rikjest fl-Artikoli 252 u 375 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] Enfasi tal-Qorti.

Una volta l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08 *qua* Mandat Eżekuttiv ma inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv u b'hekk ma nħariġx ai termini ta' l-Artikoli 252 u 375 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi li, indipendentement minn dak pretiż, osservat u sottomess mill-partijiet kontendenti fir-Rikors promotur, fir-Risposta u waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08 ma jistax jibqa' in vigore u neċessarjament għandu jiġi revokat.

Fid-dawl tal-mod irregolari lil bih inħareġ il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08, din il-Qorti f'dan l-istadju ma tħossx li tista' tieħu konjizzjoni tat-talba avvanzata mill-Intimati għall-iżbank tas-somma ta' €2,952.77 depożitata mir-Rikorrent taħt l-Awtorità tal-Qorti permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2925/2020, u dana rrispettivament minn dak verbalizzat mir-Rikorrent waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 fir-rigward ta' tali talba ta' l-Intimati. Għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Intimati għall-iżbank ta' l-imsemmija somma ta' €2,952.77.

Għal dawn ir-raġunijiet, senjatament peress illi rriżulta li l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1320/08 ma nħarġix a bażi ta' titolu eżekuttiv kif meħtieġ ai termini ta' l-Artikoli 166B, 252 u 375 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna r-revoka ta' l-imsemmi Mandat u l-ħruġ tal-Kontro-Mandat opportun. Fid-dawl ta' tali deċiżjoni tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-Intimati għall-iżbank tas-somma ta' €2,952.77 depożitata mir-Rikorrent taħt l-Awtorità tal-Qorti permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2925/2020.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

**Mogħti llum 1 ta' Frar 2021**

**MAĠISTRAT**